

Brussell, 14 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11793/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0223(COD)**

CODEC 1358
TRANS 309
CLIMA 352
ECOFIN 769
AVIATION 137
MAR 97
ENV 844
ENER 443
IND 388
COMPET 757

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL** dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE **(I-ewwel qari)**
- Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fl-14 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta¹ tagħha lill-Kunsill, ibbażata fuq l-Artikolu 91 TFUE.
2. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fid-9 ta' Diċembru 2021².
3. Il-Kumitat tar-Reġjuni ta l-opinjoni tiegħu fis-26 ta' Jannar 2022³.

¹ Dokumenti 10877/21 + ADD 1 sa 7 + ADD 2 REV 1.

² ĠU C 152, 6.4.2022, p. 138.

³ ĠU C 270, 13.7.2022, p. 38.

4. Fil-11 ta' Lulju 2023, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni fil-Parlament Ewropew jirrifletti l-ftehim ta' kompromess li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għalhekk għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill⁴.
5. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi li l-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tidher fid-dokument PE-CONS 25/23, bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss, bil-Polonja u r-Rumanija jivvotaw kontra u l-Italja u l-Latvja jastjenu.
6. Jekk ma jkun hemm l-ebda laqgħa tal-Kunsill bi kworum qabel is-26 ta' Lulju 2023, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE kif jinsab fid-dokument PE-CONS 25/23.
7. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum għal din in-nota.
8. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv jiġi adottat.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ Dok. 11454/23.